MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2012

Avviz Numru. 325/2012

**Cementstone Manufacturing Co Ltd (C7758)**

**vs**

**F.G.S. Construction Limited (C17794)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar it-28 ta’ Settembru 2012 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallasha s-somma komplessiva ta’ sitt elef, disgha mija u tmintax-il Ewro u hamsin centesmu (€ 6,918.50) rapprezentanti l-prezz ta’ bricks u materjali ohra tal-bini mibjugha u kkonsenjata lilha mis-socjeta’ attrici f’diversi konsenji mifruxa fuq diversi xhur li nonostante d-diversi sejhiet ghall-hlas u minkejja diversi weghdiet taghha baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra gudizzjarja tal-10 ta' Lulju 2012 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwwalment, u l-imghax legali mit-22 ta' Frar 2011 sad-data tal-pagament effettiv. Is-socjeta' konvenuta ngunta in subizzjoni.

Rat illi s-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata nhar it-8 ta' Novembru 2012 skond ir-riferta tal-purtier Charles Buttigieg inserita fl-atti a fol 6 tergo tal-process.

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2012 is-socjeta' konvenuta ma dehritx sabiex tikkontesta t-talbiet attrici.

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2012 gie pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta' konvenuta.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2012 is-socjeta' konvenuta msejha ma dehritx in subizzjoni.

**Ghaldaqstant, il-Qorti tiddikjara li t-talba attrici timmerita konferma u ghaldaqstant tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba fir-rikors promotur u cioe' s-somma ta' sitt elef, disgha mija u tmintax-il Ewro u hamsin centesmu (€6,918.50).**

**L-ispejjez tal-kawza nkluzi dawk tal-ittra gudizzjarja tal-10 ta' Lulju 2012 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' konvenuta u bl-imghax legali mit-22 ta' Frar 2011 sad-data tal-pagament effettiv.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------